



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2019
COM(2019) 206 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata
assistenza lir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din id-deċiżjoni tkopri l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) fl-ammont ta' EUR 293 551 794 biex tingħata assistenza lir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija wara d-diżastri li seħħew f'dawn il-pajjiżi matul l-2018. Din il-mobilizzazzjoni hija akkompanjata mill-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 3/2019¹ li jipproponi li l-appropriazzjonijiet meħtieġa jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-2019 kemm bħala impenji kif ukoll f'pagamenti.

2. INFORMAZZJONI U KUNDIZZJONIJIET

2.1 Ir-Rumanija – għargħar fir-reġjun tal-Grigal fis-sajf tal-2018

Minn nofs Ġunju sa kmieni f'Awwissu 2018, ir-reġjun tal-Grigal tar-Rumanija ntlaqat minn xita qawwija ripetuta u għargħar estensiv sussegwenti li wassal għal ħsara sinifikanti fl-infrastruttura u fid-djar u għal danni fl-agrikoltura.

- (1) Ir-Rumanija applikat għal kontribuzzjoni mill-FSUE fis-7 ta' Settembru 2018, qabel ma għaddiet l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa mill-ewwel okkorrenza ta' ħsara. L-applikazzjoni kienet limitata għar-reġjun tal-Grigal, fil-wisa' l-aktar reġjun affettwat mill-għargħar, fejn l-ewwel ħsara kienet ġiet irreġistrata fl-16 ta' Ġunju. Fl-ittra ta' applikazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Rumani ħabbru li ftit wara kien se jintbagħat aġġornament peress li l-valutazzjoni tal-ħsara kienet għadha mhux kompluta minħabba li l-għargħar baqa' għaddej għal żmien twil.
- (2) Id-diżastri huwa ta' oriġini naturali.
- (3) L-applikazzjoni ġiet ippreżentata abbażi tal-kriterji għal "diżastri naturali reġjonali" kif stabbilit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament. Fl-applikazzjoni inizjali tagħhom tas-7 ta' Settembru l-awtoritajiet Rumani stmaw il-ħsara totali diretta fil-livell ta' EUR 196,8 miljun. Billi dan l-ammont jirrappreżenta biss 1,24 % tal-PDG tar-reġjun tal-livell NUTS 2 tal-Grigal affettwat, l-applikazzjoni inizjali ma ssodisfatx il-kundizzjoni essenzjali stabbilita fir-Regolament għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE u għalhekk ma kinitx tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond ta' Solidarjetà.
- (4) Fid-9 ta' Ottubru 2018, l-awtoritajiet Rumani ppreżentaw, kif kien tħabbar aktar kmieni, applikazzjoni riveduta, b'dannu dirett totali li issa jammonta għal EUR 327,7 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 2,07 % tal-PDG reġjonali u għalhekk jaqbeż il-limitu meħtieġ ta' 1,5 % tal-PDG reġjonali (jiġifieri EUR 238 miljun fil-każ tar-reġjun tal-Grigal).
- (5) Wara li saret l-analiżi mill-Kummissjoni tal-applikazzjoni riveduta tar-Rumanija kienu għadhom jidhru għadd ta' inkonsistenzi. Il-Kummissjoni għalhekk talbet lill-awtoritajiet Rumani għal kjarifika, li nġhatat fit-14 ta' Diċembru 2018.

¹ COM(2019) 205, 22.5.2019.

- (6) Fl-applikazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Rumeni jiddeskrivu fid-dettall l-impatt tad-diżastru. Ħalbiet ripetuti ta' xita qawwija bejn nofs Ġunju u kmieni f'Awwissu wasslu għal għargħar u ħsara sussegwenti fl-infrastruttura, fl-agrikoltura u fid-djar privati f'kull wieħed mis-sitt kontej tar-reġjun tal-Grigal, b'mod partikolari f'Neamt, Bacau u Suceava. Dykes u digi f'passaġġi tal-ilma interni, aktar minn 4 000 km ta' toroq maġġuri u toroq oħra nazzjonali u lokali, pontijiet, sistemi ta' trattament tal-ilma u tad-drenaġġ, distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass, distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb u sistemi ta' irrigazzjoni, 32 skola u bini pubbliku ieħor ġarrbu ħsarat.
- (7) L-awtoritajiet tar-Rumanija stmaw l-ispiża tal-operazzjonijiet ta' emerġenza u ta' rkupru, eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, fil-livell ta' EUR 294 miljun u ppreżentawha maqsuma skont it-tip ta' operazzjoni. L-akbar sehem (aktar minn EUR 154 miljun) jikkonċerna l-ispejjeż għat-tisħiħ ta' infrastruttura protettiva (imbankmenti), segwit mill-ispejjeż għar-restawr tal-infrastruttura tat-trasport ta' aktar minn EUR 127 miljun.
- (8) Ir-Rumanija ma talbitx li jsir ħlas bil-quddiem.
- (9) L-awtoritajiet Rumeni kkonfermaw li ma hemm l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż eliġibbli.
- (10) Ir-reġjun milqut huwa parti mir-"reġjun anqas żviluppat" taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) għall-2014-2020. Fl-applikazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Rumeni ma indikawx lill-Kummissjoni l-intenzjoni tagħhom li jirrilokaw fondi mill-programmi ta' Fondi SIE lejn miżuri tal-irkupru.
- (11) Ir-Rumanija ma attivatx il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.
- (12) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji tad-diżastri, bħalissa ma hemm l-ebda proċedura ta' ksur għaddejja.

2.2 L-Italja – każijiet ta' temp estrem fil-ħarifa tal-2018

F'Ottubru u kmieni f'Novembru 2018, il-parti l-kbira tar-reġjuni Taljani miż-żoni tal-Alpi fit-tramuntana sa Sqallija, batew minn każijiet ripetuti ta' xita qawwija u riħ qawwi li wassal għal għargħar u valangi, b'mod li din il-ħarifa kienet l-iktar waħda devastanti fl-istorja reċenti b'għadd kbir ta' mwiet u ħsara fiżika mifruxa.

- (1) L-Italja applikat għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond tas-Solidarjetà fl-20 ta' Diċembru 2018, qabel ma għaddiet l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa wara li ġiet irreġistrata l-ewwel ħsara fit-2 ta' Ottubru. Fl-27 ta' Marzu 2019, l-Italja ppreżentat, fuq inizzjattiva tagħha stess, informazzjoni aġġornata bi stimi ta' ħsara ogħla għal tlieta minn fost ir-reġjuni affettwati.
- (2) Id-diżastru huwa ta' oriġini naturali.
- (3) L-applikazzjoni ġiet ippreżentata abbażi tal-kriterji ta' "diżastru naturali maġġuri" kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament. L-awtoritajiet Taljani stmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru tammonta għal EUR 6,6 biljun (ammont aġġornat). Dan l-ammont jirrappreżenta aktar minn 192 % tal-limitu applikabbli għall-Italja ta' EUR 3,4 biljun.

- (4) Fl-applikazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Taljani jiddeskrivu fid-dettall in-natura u l-iskala tal-qerda kkawżata mill-avvenimenti ta' temp estrem li rriżultaw fl-aġar staġun tal-ħarifa fl-istorja reċenti. 34 persuna ġew irrapportati mejta u persuna waħda (1) nieqsa. Id-diżastru affettwa kważi r-reġjuni Taljani kollha mit-Tramuntana san-Nofsinhar, inklużi l-Friuli Venezia Giulia, il-Provinċji awtonomi ta' Trento u Bolzano, il-Liguria, il-Lombardia, it-Toskana, l-Emilia Romagna, il-Lazio, il-Campania, il-Calabria, Sqallija, Sardenja u fuq kolloxx ir-reġjun tal-Veneto. Fil-Valle d'Aosta u l-Abruzzo kien hemm rapporti ta' ħsara anqas.
- (5) Id-diżastru kkawża b'mod partikolari interruzzjonijiet kbar fin-netwerk tat-toroq fil-livell statali, reġjonali, provinċjali u municipli minħabba ta' valangi u siġar imqaċċta, b'mod li għadd ta' municiplitalitajiet iżolati tal-muntanji u tal-kosta spiċċaw inaċċessibbli. Seħħ tħarbit fin-netwerks tax-xmajjar, iċ-ċaqliq tal-inklinazzjoni, valangi u għargħar fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni. Il-funzjonament tal-iskejjel u ta' servizzi pubbliċi oħra ġie interrott. Il-buffuri tar-riħ li laħqu sa 200 km/h ikkawżaw danni sinifikanti fil-foresti (madwar 8,5 miljun metru kubu ta' injam) b'konsegwenzi serji għall-ekonomija relatata mal-injam u t-turiżmu (liftijiet, barrakki, eċċ. meqruda). Fil-Veneto, b'mod partikolari, madwar 130 sit protett ta' Natura 2 000 ġarrbu ħsarat fuq medda ta' aktar minn 414 000 ettaru ta' art. Kważi f'kull reġjun kien hemm rapporti ta' għargħar f'bini pubbliki u privat. Xi impjanti tat-trattament tas-sistemi tad-drenaġġ instaddu. In-netwerks tal-elettriku u tal-gass ġew interrotti.
- (6) Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, l-avvenimenti tat-temp matul il-perjodu kopert mill-applikazzjoni jistgħu jiqiesu bħala avveniment wieħed mill-perspettiva meteoroloġika u idroloġika. Barra minn hekk, il-firxa ġeografika u d-daqs tal-ammont tad-danni pretiżi mill-awtoritajiet Taljani jidhru plawżibbli, meta jitqiesu l-impatti rrappurtati mill-attivazzjonijiet tas-Servizz ta' Mappjar Rapidu Copernicus u mill-bażi ta' *data* tal-Laboratorju Ewropew tal-Maltempati Severi.
- (7) L-Italja stmat l-ispiża tal-operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament fil-livell ta' EUR 1 700 miljun u ppreżentata maqsuma skont it-tip ta' operazzjoni. L-akbar sehem (aktar minn EUR 810 miljun) tal-ispejjeż eliġibbli jikkonċerna n-nefqa biex tiġi ssolidifikata l-infrastruttura protettiva. It-tieni l-akbar sehem jikkonċerna l-ispejjeż għar-restawr tal-infrastruttura ta' aktar minn EUR 478 miljun.
- (8) L-Italja ma talbitx li jsir ħlas bil-quddiem.
- (9) L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li ma hemmx kopertura tal-assigurazzjoni li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż eliġibbli.
- (10) Tlieta mir-reġjuni milquta jikkwalifikaw bħala "reġjuni inqas żviluppati" taħt il-Fondi SIE 2014-2020 (il-Calabria, il-Campania u Sqallija), tnejn bħala "reġjuni fi tranżizzjoni" (l-Abruzzo u Sardinja) filwaqt li d-disa' (9) reġjuni l-oħra huma "reġjuni aktar żviluppati". L-awtoritajiet Taljani ma indikawx lill-Kummissjoni l-intenzjoni tagħhom li jirriallokaw fondi mill-programmi tal-Fondi SIE għall-miżuri tal-irkupru.
- (11) L-Italja ma talbitx għall-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. Madankollu, intbagħtet nota ta' informazzjoni liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC) permezz tas-Sistema Komuni ta' Kommunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza (CECIS).
- (12) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji tad-diżastri, bħalissa ma hemm l-ebda proċedura ta' ksur għaddejja.

2.3 L-Awstrija – każijiet ta' temp estrem fil-ħarifa tal-2018

Fl-aħħar ta' Ottubru 2018, il-fenomeni meteoroloġiċi li jaffettwaw l-Italja affettwaw ukoll għadd ta' reġjuni Alpini/tan-Nofsinhar tal-Awstrija, b'mod partikolari il-Carinthia u t-Tirol tal-Lvant.

- (1) L-Awstrija applikat għal kontribuzzjoni mill-Fond tas-Solidarjetà fl-14 ta' Jannar 2019, qabel ma għaddiet l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa minn meta ġiet irreġistrata l-ewwel ħsara fit-28 ta' Ottubru 2018. Fl-20 ta' Frar 2019, l-Awstrija ppreżentat, fuq inizzjattiva tagħha stess, informazzjoni aġġornata bi stimi ta' ħsara fitit ogħla għar-reġjuni affettwati.
- (2) Id-diżastru huwa ta' oriġini naturali.
- (3) L-awtoritajiet Awstrijaki jistmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hija ta' EUR 326,2 miljun. Dan l-ammont huwa konsiderevolment inqas mil-limitu ta' diżastru maġġuri applikabbli għall-Awstrija fl-2018 ta' EUR 2,1 biljun. Huwa wkoll taħt il-livell limitu għal dak li jissejjaħ diżastru reġjonali, jiġifieri 1.5 % tal-prodott domestiku gross reġjonali ppeżat skont is-sehem ta' ħsara fir-reġjuni affettwati. Għaldaqstant, id-diżastru la jikkwalifika bħala “diżastru naturali maġġuri” u lanqas bħala “diżastru naturali reġjonali” skont it-termini tar-Regolament. Madankollu, peress li d-diżastru kien ikkawżat mill-istess kundizzjonijiet meteoroloġiċi li kkawżaw id-disastru maġġuri fl-Italja, l-awtoritajiet Awstrijaċi ppreżentaw l-applikazzjoni tagħhom skont l-hekk imsejja “dispożizzjoni dwar pajjiż tal-viċinat”, stabbilita fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament, li permezz tagħha pajjiż eliġibbli li jsofri mill-istess diżastru li jikkwalifika bħala diżastru maġġuri f'pajjiż tal-viċinat eliġibbli jista' wkoll jibbenefikaw mill-għajnuna tal-Fond ta' Solidarjetà.
- (4) L-awtoritajiet Awstrijaċi pprovdeu deskrizzjoni dettaljata tal-impatt tad-diżastru. L-akbar ħsara fil-wisa' kienet ikkawżata fil-Land tal-Awstrija l-aktar lejn in-Nofsinhar, il-Carinthia, u fil-provinċja li tmiss miegħu tat-Tirol tal-Lvant, it-tnejn li huma żoni Alpini li jmissu mal-Italja. Bis-saħħa tas-sistema ta' twissija bikrija kontra l-għargħar, it-twissijiet maħruġa lill-popolazzjoni u l-intervent rapidu tal-forzi tal-protezzjoni ċivili ma kienx hemm nies li weġġgħu jew mietu. Għadd ta' lokalitajiet ġew evakwati bħala miżura ta' prekawżjoni. Ix-xita qawwija u l-maltemp b'riħ ta' veloċità sa 130 km/h wasslu, madankollu, għall-għargħar fil-bini, għal ħsara konsiderevoli minħabba r-riħ fil-foresti, valangi li mblukkaw toroq u kkawżaw qtugħ fil-provvista tal-enerġija. Aktar minn 7 000 membru tas-servizzi ta' emerġenza inklużi l-armata, kif ukoll ħames (5) elikopters kienu fl-azzjoni għal diversi jiem.
- (5) L-Awstrija stmat l-ispiża tal-operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament fil-livell ta' EUR 214,5 miljun u ppreżentatha maqsuma skont it-tip ta' operazzjoni. L-akbar sehem (aktar minn EUR 85 miljun) tal-ispejjeż eliġibbli jikkonċerna n-nefqa biex tiġi ssolidifikata l-infrastruttura protettiva (l-imbankamenti tax-xmajjar). It-tieni l-akbar sehem jikkonċerna l-miżuri biex tiġi evitata l-erożjoni tal-ħamrija li jammonta għal aktar minn EUR 72 miljun.
- (6) L-awtoritajiet Awstrijaċi ma talbux li jsir ħlas bil-quddiem.
- (7) L-awtoritajiet Awstrijaċi kkonfermaw li ma hemm l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż eliġibbli.

- (8) Ir-reġjuni milquta huma “reġjuni aktar żviluppati” skont il-Fondi Ewropej Strutturali u ta’ Investiment (2014-2020). Fl-applikazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Awstrijaċi indikaw li għandhom l-intenzjoni li jużaw il-flejjes mill-Programm Awstrijak għall-Iżvilupp Rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali għall-ħolqien mill-ġdid ta’ foresti protettivi.
- (9) L-Awstrija ma talbitx għall-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.
- (10) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji tad-diżastri, bħalissa ma hemm l-ebda proċedura ta’ ksur għaddejja.

2.5 Konklużjoni

Minħabba r-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, id-diżastri msemija fl-applikazzjonijiet ippreżentati mir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jiġi mobilizzat il-FSUE.

3. FINANZJAMENT MILL-ALLOKAZZJONIJIET TAL-FSUE GĦALL-2019

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020² (minn issa ‘l quddiem “ir-Regolament dwar il-QFP”), u b’mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu, jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FSUE, b’limitu massimu annwali ta’ EUR 500 000 000 (prezzijiet tal-2011). Il-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta’ Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f’materji ta’ baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³ (IIA) jistabbilixxi l-modalitajiet għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE.

Billi s-solidarjetà kienet il-ġustifikazzjoni ċentrali għall-ħolqien tal-FSUE, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li l-għajnuna tkun progressiva. Dan ifisser li, skont prattika preċedenti, jenħtieġ li l-porzjon tal-ħsara li jaqbeż il-livell limitu ta’ “diżastru naturali maġġuri” għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE (jiġifieri 0,6 % tal-ING jew EUR 3 biljun fil-prezzijiet tal-2011, skont liema minnhom ikun l-iżgħar ammont) iwassal għal intensità ta’ għajnuna akbar mill-ħsara sal-livell limitu. Ir-rata applikata fil-passat biex jiġu definiti l-allokkazzjonijiet għal diżastri maġġuri hija ta’ 2,5 % tal-ħsara diretta totali taħt il-livell limitu, u 6 % għall-parti tal-ħsarat ‘il fuq minn dan. Għal diżastri reġjonali u diżastri aċċettati taħt id-dispożizzjoni ta’ “pajjiż tal-viċinat” ir-rata hija ta’ 2,5 %.

Il-kontribuzzjoni ma tistax taqbeż l-ispiża totali stmata tal-operazzjonijiet eliġibbli. Il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-għajnuna kienet imfassla fir-Rapport Annwali tal-2002-2003 dwar il-FSUE u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Abbażi tal-applikazzjonijiet mir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE, ibbażat fuq l-istima tal-ħsara diretta totali kkawżata, huwa kif ġej:

Stati Membri	Kwalifikazzjoni tad-diżastru	ħsara diretta totali (f’miljuni ta’	Limitu minimu għal diżastru maġġuri	2,5 % tal-ħsara diretta sal-livell limitu (f’EUR)	6 % tal-ħsara diretta ‘l fuq mil-livell limitu (f’EUR)	Ammont totali tal-għajnuna proposta (f’EUR)	Flas bil-quddiem imħallas
--------------	------------------------------	--	-------------------------------------	--	---	--	---------------------------

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

		EUR)	(f'miljuni ta' EUR)				(f'EUR)
IR-RUMANIJA	Reġjonali (L-Art. 2(3))	327 692	986 378	8 192 300	-	8 192 300	0
L-ITALJA	Nazzjonali (L-Art. 2(2))	6 630 276	3 446 057	86 151 425	191 053 170	277 204 595	0
L-AWSTRIJA	Pajjiż fil-viċinat (L-Art. 2(4))	326 196	2 118 701	8 154 899	-	8 154 899	0
TOTAL						293 551 794	0

Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar il-QFP, l-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2019 kien ta' EUR 851 082 072, billi hija s-somma tal-allokazzjoni tal-2019 ta' EUR 585 829 691, flimkien mal-allokazzjoni tal-2018 ta' EUR 265 252 381 li baqgħu ma ntefqux u li ġew riportati għall-2019.

L-ammont li jista' jiġi mobilizzat f'dan l-istadju tas-sena 2019 huwa ta' EUR 704 624 649. Dan jikkorrispondi għall-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2019 (EUR 851 082 072), nieqes l-ammont miżmum ta' EUR 146 457 423 sabiex jiġi rispettat l-obbligu li jitwarrbu 25 % mill-allokazzjoni annwali tal-2019 sal-1 ta' Ottubru 2019 kif stipulat mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar il-QFP.

Tabella sommarja tal-finanzjament mill-FSUE	Ammont EUR
Allokazzjoni tal-2018 riportata għall-2019	265 252 381
Allokazzjoni tal-2019	585 829 691

Total disponibbli fil-bidu tal-2019	851 082 072
Bit-tnaqqis ta' 25 % tal-allokazzjoni tal-2019 miżmum	-146 457 423

Ammont massimu disponibbli attwalment (allokazzjonijiet tal-2018+2019)	704 624 649
Ammont totali ta' għajjuna proposta biex tiġi mobilizzata għar-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija	- 293 551 794

Disponibbiltajiet li fadal sal-1 ta' Ottubru 2019	411 072 855

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba⁵, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali.
- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 500 000 000 (bil-prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013⁶.
- (3) Fit-7 ta' Settembru 2018, ir-Rumanija ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara avvenimenti ta' temp estrem li ħolqu għargħar estensiv.
- (4) Fl-20 ta' Diċembru 2018, l-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara avvenimenti ta' temp estrem.
- (5) Fl-14 ta' Jannar 2019, l-Awstrija ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara avvenimenti ta' temp estrem.
- (6) L-applikazzjonijiet mir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1212/2002.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Fond jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija.
- (8) Sabiex jiġi naqqas kemm jista' jkun iż-żmien biex il-Fond jiġi mobilizzat, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

⁴ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

⁵ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat kif ġej f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament:

- (a) l-ammont ta' EUR 8 192 300 għandu jiġi pprovdut lill-Rumanija;
- (b) l-ammont ta' EUR 277 204 595 għandu jiġi pprovdut lill-Italja;
- (c) l-ammont ta' EUR 8 154 899 għandu jiġi pprovdut lill-Awstrija.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn... [*id-data tal-adozzjoni tagħha*]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

** *Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*